# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlieta u Għoxrin (23) ta' Novembru 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 965/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Jeremy Muscat**
**(ID 98090M)**

**Vs**

**Alexandra sive Sandra Dalmas, mart u legalment separata minn David Dalmas, bint Alfred Borg u Margaret nee' Ciantar, imwielda r-Rabat, Malta, fit-30 ta' Diċembru 1967, residenti r-Rabat, Malta, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 31768(M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab lill-Qorti:

   *Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imesemmi kontra l-intimata, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jitrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta, u b'mod partikolari:*

- *Ir-razzett bl-arja relattiva tiegħu, bla numru uffiċjali u magħruf bl-isem' 'Paulanne', fil-kontrada magħrufa bħala Ġebel Majjin, fi Sqaq il-Lewż, limiti tar-Rabat, Malta, aċċessibbli minn taraġ minn naħa tal-punent, u liema razzett konfinanti mill-punent mar-razzett deskritt hawn taħt u mit-tramuntana u mil-Lvant ma' beni tal-familja Sant Cassia, jew irjieħ oħra verjuri. L-imsemmija proprjeta mhix sottoposta u mhix sovraposta għal beni ta' terzi persuni. Inkluż mal-imsemmi razzett (u sottoposti għall-imsemmi razzett u sottoposti għar-razzett adjaċenti proprjeta hawn taħt deskritt) hemm erbgħa (4) għerien li huma aċċessibbli min-naħa t'isfel ta' taħt it-taraġ u konfinanti flimkien u ma' xulxin billi imissu flimkien, mill-punent ma' beni ta' Frances Ciantar, mil-lvant mat-taraġ min fejn hemm l-aċċess, u mit-tramuntana ma' beni tal-familja Apap Bologna. Altrimenti l-istess proprjeta hija libera u franka minn kull ħlas ta' ċens, u bid-drittijiet u l-ġustijiet tagħha kollha. Din il-proprjetà hija mingħajr numru uffiċjali.*

- *Ir-razzett bl-arja relattiva tiegħu, bla numru uffiċjali, imsejjaħ bħala 'Il-Parti r-Roża' fi Sqaq il-Lewż, fil-kontrada msejħa Ta' Ġebel Majjin' fil-limiti tar-Rabat Malta bħala libera u frank minn kull ħlas ta' ċens, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu; l-imsemmi razzett mhux sottopost u in parti sovrapost għal beni ta' terzi persuni. L-imsemmi razzett huwa konfinanti minn nofsinhar mal-imsemmi sqaq, mil-lvant ma' ġid tal-familja Grech u mit-tramuntana ma' ġid tal-familja Sant Cassia jew irjieħ oħra verjuri. Inkluż mal-imsemmi razzett hemm il-porzjoni diviża ta' art li tinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-imsemmi razzett meta wieħed iħares lejn l-istess proprjetà mill-imsemmi sqaq, ta' kejl ta' ċirka 255.82m2 u konfinanti din il-porzjoni diviża ma' art minn nofsinhar ma' Sqaq il-Lewż, mil-Lvant ma' ġid tal-familja Grech, u tramuntana ma' ġid tal-familja Sant Cassia.*

- *L-għar bla numru uffiċjali magħruf bħala 'L-Għar tal-Fniek' formanti parti min kumpless ta' ħames (5) għerien, liema għerien formanti parti minn razzett li huwa bla numru u bla isem, fil-kontrada 'Ta' Ġebel Majjin', fi Sqaq il-Lewż, limiti tar-Rabat Malta u konfinanti minn nofsinhar ma' passaġġ komuni (liema sqaq magħruf bħala Sqaq il-Lewż min fejn hemm l-aċċess), mill-Punent ma' għar ieħor imsejjaħ 'L-Għar tal-Inbid' u mit-tramuntana ma' xagħra propjetà tal-familja Sant Cassia, jew irjieħ oħra verjuri, bħala libera u frank minn kull ħlas ta' ċens u bid-drittijiet u l-ġustijiet tiegħu kollha. L-imsemmi għar huwa aċċessibbli min Sqaq il-Lewż. Il-propjetà hija mingħajr numru uffiċjali.*

- *L-għar bla numru uffiċjali u magħruf bħala '1-Għar tal-Ħrief' formanti parti minn kumpless ta' ħames (5) għerien liema għerien formanti parti min razzett fuq deskritt, fil-kontrada ta' Ġebel Majjin fi Sqaq il-Lewż limiti tar-Rabat, Malta, u konfinanti minn nofsinhar u*

*mil-lvant ma' passaġġ komuni, u mit-tramuntana ma' xagħra proprjetà ta' Felice Grech u oħrajn jew irjieħ oħra verjuri, bħala liberu u frank min kull ħlas ta' ċens u bid-drittijiet u l-ġustijiet tiegħu kollha. L-imsemmi għar huwa aċċessibbli minn Sqaq il-Lewż.*

- *L-għar bla numru uffiċjali imsejjaħ 'L-Għar tal-inbid' formanti parti minn kumpless ta' ħames (5) għerien formanti parti min razzett fuq deskritt fil-kontrada ta' Ġebel Majjin fi Sqaq il-Lewż, limiti tar-Rabat Malta, u konfinanti min-nofsinhar ma' passaġġ komuni, punent ma' għar ieħor imsejjaħ 'ir-Remissa' proprjeta' ta' Joseph Bugeja, u mit-tramuntana ma' xagħra propjetà tal-familja Sant Cassia jew irjieħ verjuri, bħala liberu u frank minn kull ħlas ta' cens, bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tiegħu. L-imsemmi għar huwa aċċessibbli min Sqaq il-Lewż u jiġi t-tielet għar fl-imsemmi kumpless ta' għerien.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

*Kreditu: tlett mija u erbatax-il elf, mija wieħed u erbgħin euro, u għaxart ċenteżmi (EUR314,141.10)*

*Titolu: In kawtela ta' kreditu pretiż mir-rikorrenti kif ventilat permezz ta' kawża preżentata kontestwalment fl-ismijiet premessi.*

*Ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba proviżorjament ai termini tal-art. 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni proviżorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimata b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-8 ta' Lulju 2021.

3. Rat illi saret n-notifika bl-affissjoni fl-Għassa tar-Rabat, Malta, Kunsill Lokali Rabat u l-indirizz ta' l-intimata, u dana fid-29 ta' Settembru 2021.

4. Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Ottubru 2021.

5. Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali l-Orizzont fid-9 ta' Novembru 2021.

6. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2021, l-intimata, msejjħa diversi drabi ma dehritx.

7. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2021, il-kawża ġiet differita għal-lum, 23 ta' Novembru 2021, sabiex tidher l-intimata u, fin-nuqqas, tgħaddi għal digriet finali.

8. Rat illi illum, 23 ta' Novembru 2021, meta ssejħet il-kawża, l-intimata reġgħet ma dehritx, u għalhekk il-Qorti pproċediet biex tiddeċiedi t-talba.

9. Rat illi, fuq bażi prima facie, illi jirrikorru l-elementi kollha meħtieġa skond il-Liġi sabiex dina l-Qorti tilqa' b'mod definittivament it-talba kif redatta.

**Deċiżjoni Finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-30 ta' Ġunju 2021 billi:

**Tilqa'** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt b'mod definittiv.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku ta' l-intimata Alexandra sive Sandra Dalmas.

Tordna n-notifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku w lir-Reġistatur tal-Artijiet, skond il-Liġi.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**